MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2003

Numru. 1051/2002

**Il-Pulizija**
**(Sp. Mario Bonello)**

**vs**

**Massimo Galea ta' 22 sena, iben Emanuel u Mary nee Mazzitelli, mwieled Pieta' fis-26/02/80, u joqghod Block G2, Flat 1, Triq l-Istiratur, Housing Estate, Mosta, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 134680 (M).**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Massimo Galea li gie akkuzat talli b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fiz-

zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u cioe:

Talli fil-21 ta' Dicembru, 2002 ghall-habta tat-3.30 p.m. gewwa Ta' Qali, limiti tar-Rabat Malta ikkommetta serq ta' stereo mill-vettura bin-numru tar-registrazzjoni HAA743 li l-valur tieghu huwa ta' aktar minn Lm 100 izda anqas minn Lm 500 ghad-detriment ta' Christopher Sciberras liema serq huwa aggravat bil-valur, mezz u lok,

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel hsara volontarja fl-imsemmija vettura liema hsara ma tiskorrix il-hamsin lira Maltin (Lm 50) izda hija izjed minn ghaxar liri Maltin (Lm 10),

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkommetta serq ta' compact disc u oggetti ohra mill-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LAB 767 li l-valur taghhom jeccedi l-mitt lira Maltin (Lm 100) izda anqas minn hames mitt liri Maltin (Lm 500) ghad-detriment ta' Eric Saliba liema serq huwa aggravat bil-valur, mezz u lok;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel hsara volontarja fl-imsemmija vettura, liema hsara hija aktar minn hamsin lira Maltin (Lm 50),

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkommetta serq ta' stereo u oggetti ohra li l-valur taghhom jeccedi l-mitt lira Maltin (Lm 100) izda anqas minn hames mitt lira Maltin (Lm 500) mill-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FUN011 ghad-detriment ta' Patrick Cauchi liema serq huwa aggravat bil-valur, mezz u lok,

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel hsara volontarja fl-imsemmija vettura liema hsara hija aktar minn hamsin lira Maltin (Lm 50),

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni ta' dan id-delitt billi sgassa vettura bin-numru ta' registrazzjoni numru KAQ-983 liema delitt ma

giex ezegwit minhabba xihaga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu,

U finalment talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel hsara volontarja fl-imsemmija vettura liema hsara hija ta' aktar minn hamsin lira Maltin (Lm 50).

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji.

Rat li l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji.

Rat l-ammissjoni ta' l-imputat.

Rat li r-res furtiva giet ritornata kollha.

Rat l-artikoli 261, 263, 207, 269, 278, 279, 280, 325 u 17 tal-kap 9.

In kwantu l-ammissjoni bikrija, kif ukoll stante li r-res furtiva kollha giet ritornata, rat il-fedina penali tieghu, semghet il-progress li qed jaghmel l-istess imputat fil-programm gia mpost fuqu ta' riabilitazzjoni kontra l-abbuz ta' droga, rat l-art 9 tal-Kap 152 u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet snin mil-llum.

--------------------------------TMIEM--------------------------------